**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Omissis**
**Raissa Grixti**

Illum 22 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Omissis u l-imputata Raissa Grixti, 22 sena, bint missier mhux maghruf u Vincenza Grixti, imwielda Pieta', nhar il-05 ta' April, 1991 residenti fil-fond numru 13, Flat 3, Step Street, Valletta, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 188691(M) talli nhar it-18 ta' Awwissu, 2013 gewwa Triq, Birkirkara ghal habta tal-erbgha u nofs (1630hrs) ta' wara nofsinhar:

a) Attakkaw jewghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' PS839 Stephen Micallef filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti,

b) Ukoll talli ingurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku cioe' PS839 Stephen Micallef waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz,

c) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament, kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor,

d) Kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi,

Lil Omissis biss:

e) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS839 Stephen Micallef hekk skont ma ccertifika Dr Owen Mifsud MD (Reg no 2953) u dan bi ksur tal-artikolu 221(1),

Lil Raissa Grixti wahedha:

f) Volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' qmis tal-uniformi ta' €5.06 ghad-dannu ta' korp tal-pulizija ta' Malta,

g) Irrendew ruhhom recedivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gew misjub hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' PS839 Stephen Micallef jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Omissis u Raissa Grixti b'obbligazzjoni taghom nnifishom taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni inkluza fil-mori tal-kawza kontra Omissis u Raissa Grixti a beneficcju ta' PS839 Stephen Micallef u l-familja tieghu u dan fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u li hija kkonfermiet l-istess ammissjoni wara li inghatat zmien biex tirrikunsidra l-posizzjoni taghha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghal kaz odjern.

Illi l-imputata ammetiet l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat l-artikoli 49, 95, 96(a), 338(dd) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggiha taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin (3) millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment, liema digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Tordna wkoll lill-hatja thallas l-ammont ta' €5.06 lill-Korp tal-Pulizija.

Tichad it-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi m'hemmx il-htiega ghalihom.

Il-Qorti fissret lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma ssegwix l-ordnijiet moghtija lilha mill-ufficjal tal-probation.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat